GĦADD 399 • APRIL 2020 • L-40 SENA

# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



"HU, (ĠESÙ) LI KIEN ĦABB LIL TIEGĦU LI KIENU FID-DINJA, ĦABBHOM GĦALL-AĦĦAR" (ĠW. 13, 1)

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

## WERREJ


3 **EDITORJAL**
"Ħabbhom għall-aħħar..." Ġwanni 13, 1
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

5 **POEŻIJA**
Sebaħ jum il-fidwa - Introjtu tal-Għid
OLIVER FRIGGIERI

6 **KULTURA U LETTERATURA FRANĠISKANA**
Kotba riċenti li fihom jidhru jew jissemmew il-patrijiet Kapuċċini (n. 2)
REV. DR MARTIN MICALLEF

11 **POEŻIJA**
Xemx tar-Rebbiegħa
FR WISTIN ATTARD OFMCap

12 **SPIRITWALITÀ MARJANA**
Id-Duluri tal-Belt
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

14 **SPIRITWALITÀ ĠUŻEPPINA**
San Ġużepp – 150 sena patrun tal-Knisja universali
Maltin devoti ta' San Ġużepp (ir-raba' parti)
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

17 **PASTORALI TAS-SAĦĦA**
Il-biċċa tal-parabbola tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli
FR MARIO ATTARD OFMCap

20 **SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA**
Storja ta' mitejn sena mill-ftuħ tal-qabar ta' San Franġisk ta' Assisi (1818-2018) (l-1 parti)
FR ALFRED CALLEJA OFMConv

22 **FRANĠISKANIŻMU**
Nifs ġdid u frisk
MONS. JOSEPH GALEA CURMI - ISQOF AWŻILJARJU

24 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
Il-Vjaġġ tal-Papa f'Bari fit-23 ta' Frar - Iktar ekumeniżmu ħaj u għajnuna lil ħutna l-Immigranti
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

26 **AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA**
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP - SEGRETARJU PROVINĊJALI

30 **RIĊETTI TAL-QADDISIN**
Santa Briġida - Frejjeġ ħelwin (pancakes)
FR PAUL BUGEJA OFMCap

31 **KOMPETIZZJONI**
FR WISTIN ATTARD OFMCap


## BORD EDITORJALI


Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2020



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# "ĦABBHOM GĦALL-AĦĦAR..." ĠWANNI 13, 1




San Ġwann l-Evanġelista jagħtina l-itwal rakkont tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu. Minbarra li huwa l-itwal rakkont, imsieħeb minn diversi dettalji li l-evanġelisti l-oħra ma jagħtuniex, huwa wkoll profond fil-ħsieb u t-tagħlim li jagħtina. L-għan ta' Ġwanni mhuwiex biss li jagħtina rakkont storiku ta' x'ġara matul il-ħajja ta' Ġesù, imma pjuttost interpretazzjoni teoloġika ta' dak li ġara billi jkompli jurina min hu Ġesù.

## L-IMĦABBA TA' ĠESÙ GĦALINA

Meta naqraw is-seba' mirakli, li San Ġwann isejħilhom 'sinjali', li Ġesù wettaq, jeħtieġ li nħallu lill-evanġelista jkattar fina l-fidi fid-divinità ta' Kristu. Hekk ukoll meta jirrakkontalna dak li Ġesù għamel magħna u għalina faċilment niskopru l-imħabba bla qies ta' Ġesù għal kull wieħed u waħda minna. Fir-raba' vanġelu tispikka l-imħabba ta' Ġesù għall-umanità midinba. Huwa Alla li sar bniedem sabiex jgħarrafna l-imħabba li Alla l-Missier għandu għalina. Huwa Alla-bniedem li jitkellem mill-imħabba, jipprietka l-imħabba, jgħix l-imħabba u saħansitra jasal biex imut sforz l-imħabba li għandu għalina.




### Ħsieb tal-faċċata

"HU, LI KIEN ĦABBHOM GĦALL-AĦĦAR" - hekk jgħidilna San Ġwann għal Ġesù fir-relazzjoni tiegħu mal-appostli u llum magħna. Ħabbna għall-aħħar. Dan għandu żewġ tifsiriet: Ħabbna u jibqa' jħobbna sal-aħħar b'tali mod li ma jistax iħobbna aktar minn hekk għax ta ħajtu għalina. 2. Jibqa' jħobbna sal-aħħar, matul ħajjitna kollha. Qatt ma jitlaqna weħedna. Qatt ma jieqaf iħobbna bi mħabba tal-ġenn.




### "HU, LI KIEN ĦABBHOM GĦALL-AĦĦAR"

Hekk jgħidilna San Ġwann l-Evanġelista dwar Ġesù fil-ftuħ tar-rakkont tal-passjoni u l-mewt tal-Feddej. Ma' din l-asserzjoni: **"Ħabbhom għall-aħħar"** hemm marbuta żewġ tifsiriet:

1. **"Ħabbhom għall-aħħar"** jiġifieri li baqa' jħobbhom sal-aħħar, tant li miet għalihom (għal tiegħu – għalihom: l-appostli u għalina, li issa aħna bil-qawwa tal-mewt tiegħu sirna wkoll tiegħu, ulied il-Missier Alla);

2. **"Ħabbhom għall-aħħar"** fis-sens li ma setax iħobbhom u jħobbna aktar, għax wasal sabiex saħansitra miet għalina. *"M'hemmx imħabba akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."*

### IT-TWEĠIBA TAGĦNA

Hu li ħabbna għall-aħħar għax baqa' jħobbna u jibqa' jħobbna sal-aħħar tant li miet għalina – x'ser tkun it-tweġiba tagħna? L-imħabba bl-imħabba titpatta. It-tweġiba tagħna trid tkun li hekk kif hu ħabbna bi mħabba bla qies, ejjew inħobbuh. Inħobbuh billi:

1. napprezzaw dak li hu għamel għalina meta miet fuq salib;
2. ngħidulu grazzi tas-salvazzjoni li kisbilna meta xerred demmu għalina;

3. inħobbuh billi naħarbu kull dnub u nkomplu nħobbuh fil-proxxmu tagħna. Dak li nagħmlu mal-iċken fost ħutna nkunu qed nagħmluh miegħu.

### MA' KRISTU MMUTU GĦAL DNUBIETNA – SABIEX MA' KRISTU NQUMU

Din hija l-vokazzjoni tagħna. Hawnhekk mhux biss għandna t-tifsira tal-misteru tal-Għid, imma wkoll il-qofol tal-ħajja Nisranija. Dan hu li jfisser meta ngħidu li **l-Għid ta' Kristu jsir l-Għid tagħna** – li nkunu tassew **the Easter people**.

Kristu miet għal dnubietna u b'hekk irid jgħallimna li issa jeħtieġ li aħna mmutu għal dnubietna, fis-sens li mmewtu minn ġo fina u minn ħajjitna kull dnub u kull ġibda għad-dnub. Immewtu minn ġo fina kull ħjiel ta' egoiżmu, suppervja, mibegħda, għira, idolatrija u kull dnub ieħor li jbegħedna minn Alla. Meta mmewtu minn ġo fina kull dnub inkunu qed ninżgħu dak li San Pawl isejjaħlu "l-bniedem il-qadim", il-fdal ta' Adam, sabiex nilbsu lil Kristu, "il-bniedem il-ġdid". B'dan il-mod, filwaqt li ma' Kristu nkunu qed immutu għad-dnub tagħna, ma' Kristu naslu sabiex nirxuxtaw għall-ħajja tal-grazzja, għall-bniedem il-ġdid, u b'hekk mid-dlam ngħaddu għad-dawl u nsiru 'ħmira ġdida'. ■

DAN HUWA L AWGURJU TIEGĦI GĦALINA LKOLL GĦAL DAN IŻ-ŻMIEN TA' GRAZZJA, META SEJRIN NIĊĊELEBRAW IL-MISTERU TAL-IMĦABBA TA' ALLA GĦALINA FIL-MISTERU TAL-GĦID IL-KBIR. NAGĦRFU L-IMĦABBA BLA QIES TA' ALLA GĦALINA U NWIEĠBU GĦALIHA BI MĦABBA ĠENERUŻA LI TBEGĦEDNA MINN KULL ĦAŻEN.



# SEBAĦ JUM IL-FIDWA

## INTROJTU TAL-GĦID



Kliem: Oliver Friggieri
Melodija attribwita lil Philip Nicolai (1556-1608), adattata u armonizzata minn Johann Sebastian Bach (1685-1750)



Sebaħ jum il-fidwa tagħna,
li stennejnieh maż-żmien bil-ħerqa;
illum l-Imgħallem tagħna qam.
Jimxi fostna ħaj bħal dejjem,
rebbieħ fuq mewt li qatt ma tmissu
u miegħu ngħixu aħna wkoll.
Bil-ħajr tas-sebħ il-ġdid
insellmu lill-Mulej.
Hallelujah!
Min qam rebbieħ mill-mewt illum
se jagħti l-ħajja lilna wkoll.

Tifraħ l-art bil-ħlejjaq kollha
għax qam mill-mewt is-sid ta' kollox
u kull maħluq iroddlu l-ħajr.
Titla' llum l-aħbar sal-kwiekeb
u tinżel sal-qigħan tal-baħar,
sat-truf u l-qċaċet kullimkien.
Bil-ħajr tas-sebħ il-ġdid
insellmu lill-Mulej.
Hallelujah!
Min qam rebbieħ mill-mewt illum
se jagħti l-ħajja lilna wkoll.

Qalbna llum tinfetaħ beraħ,
ilsienna llum ferħan ixandar
il-ferħ tar-rebħa tal-Mulej.
Jgħix illum u jgħix għal dejjem

is-sid taż-żmien, is-sid tal-ħajja,
u miegħu jibqa' jgħix kulħadd.
Bil-ħajr tas-sebħ il-ġdid
insellmu lill-Mulej.
Hallelujah!
Min qam rebbieħ mill-mewt illum
se jagħti l-ħajja lilna wkoll. ■

KULTURA U LETTERATURA FRANĠISKANA

REV. DR MARTIN MICALLEF



# KOTBA RIĊENTI LI FIHOM JIDHRU JEW JISSEMMEW IL-PATRIJIET KAPUĊĊINI (N. 2)




*Maltese Archives... My Choice* huwa l-isem ta' pubblikazzjoni prestiġjuża miktuba minn Charles J. Farrugia u b'fotografija ta' Daniel Cilia (Malta: Miller Distributors, 2019, pp. 329). F'din il-pubblikazzjoni l-awtur, li huwa l-arkivista nazzjonali f'Malta, għamel għażla ta' materjal arkivistiku meħud minn arkivji differenti li nsibu fil-gżejjer tagħna, fosthom minn dak tal-patrijiet Kapuċċini, meta P. Martin Micallef kien għadu l-arkivista provinċjali. Fil-fatt f'dan il-ktieb insibu numru ta' oġġetti u dokumenti marbuta mal-Kapuċċini f'Malta.




Taħt is-sezzjoni "The Sea" (Il-Baħar) f'paġna 79 insibu riproduzzjoni tal frontispizju ta' manuskritt prezzjuż konservat fil-Bibljoteka tal-Kapuċċini, il-Furjana. Id-disinji sbieħ bi stil Barokk li jsebbħu din il-paġna (340 x 230 mm) huma xogħol bl-idejn u jirrappreżentaw simboli marbuta mal-Kavallieri ta' San Ġwann. Flimkien magħhom insibu l-isem tal-manuskritt, li jittratta l-kostruzzjoni ta' ġifen fi żmien il-Kavallieri li kellu l-isem ta' *San Vinċenz Ferreri.*



Raccolta di tutti li Materiali impiegati nella fabrica del Caicco della med.ma Freg.ta

Legname di Rovere

Legname di Zappino

Legname diverso

Legname diverso à num.ro

Chiodagione diversa

Fil-paġna ta' ħdejha (p. 80) imbagħad insibu riproduzzjoni ta' waħda mill-paġni ta' dan il-manuskritt, li tittratta l-materjal li ntuża fil-bini ta' dan ix-xini, inkluż l-injam u kemm qam flus. Mill-istess manuskritt nafu



li dan ix-xini beda jinbena fil-25 ta' Settembru 1719 u tlesta fis-7 ta' Frar 1721. Id-dokumentazzjoni kollha marbuta mal-bini ta' dan ix-xini nġabret mill-Kav. F. Bartolomeo Tommasi, *logutenente dei vascelli* fuq il-kummissjoni tal-Gran Mastru Perellos. Il-manuskritt kien ingħata lill-patrijiet Kapuċċini fl-14 ta' Settembru 1840 mill-Kaptan Francesco mill-Belt Vittoriosa.

Mifruxa fuq żewġ paġni (pp. 81-82) imbagħad insibu l-pjanta magħmula bl-idejn (330 x 600 mm) ta' dan il-ġifen bl-isem *San Vinċenz Ferreri*. Minn din il-pjanta nieħdu idea tas-sbuħija u l-kobor ta' dan il-ġifen armat bil-kanuni u b'pulena mill-isbaħ fuq in-naħa ta' quddiem, filwaqt li fuq in-naħa ta' wara l-ġifen kien iddekorat b'ornamenti li jkomplu juruna li dan il-ġifen ma kellux ikun wieħed komuni. Fuq in-naħa tax-xellug tal-pjanta hemm stampat it-timbru l-antik tal-Bibljoteka tal-Kapuċċini fil-Furjana.

F'paġni 83-84 taħt is-sezzjoni "Death" (Il-Mewt) insibu ritratt mill-isbaħ mifrux fuq żewġ paġni li juri parti mill-kannierja tal-Kapuċċini fil-Furjana, li kienet tħaffret bejn l-1725 u l-1730. F'dan ir-ritratt fil-fatt jidhru xi wħud min-niċeċ imħaffrin fil-ħajt li fihom kienu jitqiegħdu l-patrijiet mejta wara proċess twil li matulu kienu jiġu mqadda. Fl-ewwel niċċa fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt jidher il-post fejn kien hemm esposti l-fdalijiet imqadda ta' Fra Krispin minn Għawdex, li għex fil-kunvent tal-Furjana u li miet b'fama ta' qdusija. Il-ġisem tiegħu għadu kkonservat f'kaxxa tal-ħġieġ fl-imsemmija kannierja. Fin-niċċa tan-nofs imbagħad tidher replika ta' kif kienu jkunu dawn il-patrijiet imqadda esposti f'dawn in-niċeċ.

F'paġna 85 insibu żewġ ritratti ta' dokument li hu esebit fil-Mużew tal-Kapuċċini, il-Furjana b'rabta mal-imsemmija kannierja. Fir-ritratt ta' fuq tal-paġna nsibu akwarell ta' wieħed minn dawn il-patrijiet imqadda, bl-isem ta' "Fra Rosario da Cassal Luca". Fir-ritratt ta' taħtu mbagħad insibu impressjoni artistika magħmula minn akwarell li turi kif kienet tidher is-sala ewlenija ta' din il-kannierja,






fejn hemm in-niċeċ bil-patrijiet imqadda f'kull waħda minn dawn in-niċeċ. Dan id-dokument fil-fatt jagħmel parti minn djarju ta' viżitatur Ingliż li żar dan il-post fis-seklu 19 u ħallielna deskrizzjoni viżwali u verbali ta' dak li ra f'din il-kripta.




F'paġna 86 imbagħad insibu l-pjanta tal-kannierja, iffirmata minn V. Fenech (360 x 280 mm), li ġġib id-data tat-22 ta' Lulju 1864. Din il-pjanta turina fid-dettall kif inhija mqassma din il-kannierja, bit-taqsimiet differenti tagħha. Tajjeb li ngħidu li fl-aħħar gwerra dinjija taħt din il-kannierja kien tħaffer xelter li fih kienu jinżlu jistkennu l-patrijiet u xi nies tal-inħawi. Fil-fatt il-kannierja ġarrbet ħsarat kbar meta ntlaqtu l-knisja u l-kunvent waqt wieħed mill-attakki mill-ajru.




F'paġna 87 insibu paġna mir-reġistru tad-dfin (420 x 150 mm) li sar f'din il-kannierja. Il-paġna minn dan ir-reġistru, li hija riprodotta hawnhekk, teħodna lura għaż-żmien meta P. P. Gio. Maria mill-Mosta kien il-gwardjan tal-kunvent tal-Furjana, jiġifieri fl-1857. F'din il-paġna tidher ukoll parti minn dik li kienet il-frontispizju oriġinali ta' dan ir-reġistru, li jġib id-data tal-1857.

F'paġna 88 imbagħad insibu dokument oriġinali li jinkludi fih il-permess tad-dfin




f'din il-kannierja. Dan id-dokument hu ffirmat f'Ruma fl-1795. Fl-istess paġna nsibu riprodott ukoll is-siġill ta' dan id-dokument, li juri lil San Franġisk jirċievi l-pjagi. B'kollox f'din il-kannierja kien hemm daqs 130 post tad-dfin li lkoll ġew imnaddfa. Il-fdalijiet li kien hemm f'dawn l-oqbra jinsabu fl-ossarju li nsibu fl-istess kannierja.




F'paġna 102 taħt is-sezzjoni "Visitors" (Viżitaturi) insibu

żewġ ritratti marbuta wkoll mal-Kapuċċini Maltin. Ir-ritratt ta' fuq jirriproduċi akwarell (230 x 340 mm) maqsum f'żewġ partijiet. Fuq in-naħa tax-xellug jidher patri Kapuċċin bil-ħorġa taċ-ċirka mdendla ma' spallejh. Fuqu hemm il-kitba "Capuchins (baked-monks)", jiġifieri "Kapuċċini – patrijiet imqadda", b'referenza għall-kannierja tal-Kapuċċini fil-Furjana. Fuq in-naħa tal-lemin imbagħad insibu dehra artistika mill-isbaħ tal-faċċata tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana qabel ma dawn iġġarrfu fil-gwerra. F'din l-istampa ta' min jinnota li fuq in-naħa tax-xellug, mal-ħajt li jifred it-triq mill-ġnien tal-kunvent, tidher niċċa żgħira li kienet iddedikata lil Marija ta' Magdala, fl-istess post fejn illum hemm mibnija l-kappella tal-Madonna ta' Lourdes. Ninnutaw ukoll kif l-arloġġ antik tal-knisja kien 'il ġewwa fuq il-bini tal-kunvent, u mhux taħt il-kampnar fejn jinsab illum. Taħt din it-tpinġija mbagħad hemm kitba bl-Ingliż ta' wieħed mill-viżitaturi Ingliżi li żar dan il-post fis-seklu 19. Huwa jispjega kif waħda mill-attrazzjonijiet li sab f'Malta kienet il-kripta tal-Kapuċċini fil-Furjana. Huwa jsejjaħ dan il-post "ghostly spectacle" (spettaklu tal-ħirsa) li kull persuna edukata għandha żżur meta tkun Malta. Fir-ritratt ta' taħt din l-istampa mbagħad insibu tpinġija oħra magħmula mill-watercolour li turi l-figura ta' fra Kapuċċin bil-ħorġa bajda fuq spalltu ħdejn ħanut fit-toroq tal-Belt. Ħdejh hemm kitba oħra bl-Ingliż li tagħti deskrizzjoni tal-Kapuċċini f'dak iż-żmien, b'referenza għall-Isqof-Amministratur Mons. Buhagiar.



F'paġna 104 nsibu riproduzzjoni ta' tliet akwarelli. Dik li tinteressana hija l-pittura li nsibu fuq in-naħa ta' isfel ta' din il-paġna, li tagħmel parti minn travel album impitter minn David Frederick Markham (1800-1853), li kien kanonku f'Windsor mill-1827 sal-1853. Fl-1852 huwa kien waqqaf l-hekk imsejħa Essex Antiquarian Society. F'din l-istampa naraw xena tipika tat-toroq ta' Malta f'dak iż-żmien. Fuq in-naħa tax-xellug hemm patri Dumnikan li qed jitkellem ma' patri Kapuċċin li għandu l-karlottta f'rasu, bid-daqna twila u bil-qorq f'riġlejh. Fuq in-naħa tal-lemin imbagħad jidhru żewġ nisa mgħottija bl-għonnella sewda, filwaqt li fin-nofs tal-istampa jidher raġel liebes ilbies Orjentali u bil-pipa twila f'ħalqu.

Fis-sezzjoni "National




Consciousness" (Identità Nazzjonali) l-awtur ta' dan il-ktieb jipproduċi partijiet minn manuskritt importanti magħmul fis-seklu 19 li jinsab miżmum fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana. Dan il-manuskritt (200 x 150 mm) jinkludi fih tpinġijiet bl-idejn tal-isqfijiet kollha ta' Malta, bl-arma rispettiva tagħhom u b'deskrizzjoni qasira fuq kull isqof. Dan il-manuskritt fil-fatt iġib l-isem ta' Serie dei Vescovi di Malta. F'paġna 153 tal-ktieb ta' Dr Farrugia nsibu riproduzzjoni tal-ewwel paġna

tal-manuskritt, li fiha nsibu tpinġija li turi lil San Publiju, l-ewwel isqof ta' Malta. San Publiju jidher liebes l-ilbies veskovili bil-baklu f'idejh. Żewġ palmiet idawru din l-istampa, simbolu tal-martirju marbut mat-tradizzjoni tal-ġrajja ta' dan l-ewwel isqof tal-gżejjer Maltin. Taħt din l-istampa nsibu l-arma bl-abjad u l-aħmar, li hi l-emblema ta' Malta.

F'paġna 154 insibu żewġ paġni oħra meħuda mill-istess manuskritt li jittratta




l-isqfijiet ta' Malta. Fuq nett tal-paġna nsibu tpinġija tal-Isqof Dannolo, li skont dan id-dokument kien ikkonsagrat fis-sena 100 W.K. Taħtu mbagħad insibu ritratt tal-paġna li takkumpanja din il-pittura tal-Isqof Dannolo, li fiha nsibu d-deskrizzjoni miktuba bit-Taljan li titkellem fuq il-konsagrazzjoni ta' dan l-isqof li kien ġie kkonsagrat mill-Papa San Anakletu (isem li ġie emendat aktar tard u probabilment hu żbaljat). In-nota tgħid li din il-konsagrazzjoni saret flimkien ma' dik ta' San Similianus, isqof ta' Brittany. Filwaqt iżda li Dannolo kien wasal Malta qawwi u sħiħ u qeda l-missjoni tiegħu, Similianus kien miet martri fi triqtu lejn id-djoċesi.

F'paġna 300, taħt is-sezzjoni "Maltese out of Malta" (Maltin barra minn Malta), insibu numru ta' ritratti black and white li juru diversi personaġġi Maltin libsin l-ilbies tal-epoka. Fost dawn il-personaġġi nsibu ritratt ta' Patri Fulġenz Grech, Kapuċċin Malti li twieled Tuneż. Ir-ritratt huwa meħud mill-formola tal-passaport li P. Fulġenz kien għamel fl-1934 sabiex ikun jista' jivvjaġġa. Il-formola, bir-ritratt inkluż, tinsab ikkonservata ma' ħafna oħrajn fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta.




Il-ktieb ta' Dr Farrugia jagħmel parti mill-kollezzjoni ta' kotba fuq Malta li nsibu fil-Biblijoteka tal-Kapuċċini fil-Furjana. ■


# VUĊI MISSJUNARJA

## Jixxandar fuq Radju Marija

- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.



FR WISTIN ATTARD OFMCap



# XEMX TAR-REBBIEGĦA



Itla' ħannen, xemx ħanina,
ħa ssaħħan l-ulied torja
li ġuf ir-raba' tagħna
qed jiled bl-ikbar ħlewwa,
mal-miġja tar-rebbiegħa
għammiela,
u neħħi minn fuqhom kull ħsara
li ġġib l-indewwa,
u l-frotta ħa tikber bi ġmielha.

Ferraħ wiċċ il-bidwi sieber,
qalbu ttaqtaq li temp kiefer
– ma nafx il-għala –
jgħarraqlu r-raddi u l-bixkilla tibqa'
tittewweb battala.

Ħa togħxa qalb in-naħla
għax sabet ikel bnin xi ġġorr għal magħha,
u jaqbżu bil-ferħ il-frieħ ġodda,
imgeddsa għas-sħana tas-sodda,
għatxana għal dik l-għodwa li fiha
jitilqu jiġru 'l barra kollhom saħħa.

Ferraħ, o xemx, il-ġonna fiż-żgħorija,
jitlewnu kuljum aktar mal-imrieżaq
bikrija,
xħin int bin-naqra n-naqra żżid fil-ħmura
fil-jiem jitwalu, u għada jerġgħu lura.

Ifraħ, pinna għaġġelija, henni wiċċ il-poeta
mifxul fi ħsibijietu, jixtarr l-isbaħ xenarju
ta' oħtna x-xemx, iżżiegħel
bin-natura sakrana,
torqom l-għelejjel tagħha ġewwa ħdanha,
hekk kif l-għodwa fietla tiftaħ is-separju.

Hekk dejjem nafek jien, xemx tiela' tgħaġġeb
minn ġol-qiegħ tal-ilma jifdi,
iddemmem il-ħolqien, bil-ħruq ta' sidrek fjamma,
u tixhed għal Min, ħili, b'sengħa u reqqa,
Hu biss imexxi l-iżmna b'rieda samma. ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)



# ID-DULURI TAL-BELT



Jum id-Duluri mhux jum ta' btala, iżda l-Maltin minn dejjem żammew dan il-jum bħala jum speċjali. F'dan il-jum wieħed jitkellem fuq il-Madonna u saqajna jaħarquna biex immorru l-quddies u mmorru l-purċissjoni. Fost l-aqwa purċissjonijiet tad-Duluri nsibu dik tal-Belt Valletta. Hawn jinġabru mijiet ta' nies, mhux mill-Belt biss iżda minn Malta kollha. Dawn jinġabru fuq it-taraġ ta' Triq Sant'Ursola u malli toħroġ il-vara tad-Duluri mill-knisja tal-patrijiet ta' Ġeżu jibdew jimxu bil-mod il-mod, jgħidu r-rużarju. Xi wħud jimxu ħafjin, oħrajn ikunu bil-kalzetti u oħrajn joqogħdu għarkupptejhom ma' kull waqfa. Dawn in-nies ikunu qed iwettqu xi wegħda. Il-ħajja mimlija tbatija u mrar, u għalhekk meta l-bniedem ma jkunx jiflaħ aktar idur lejn Omm is-Sinjur għall-għajnuna. Fiha jsib it-tama, fiha jsib il-mistrieħ.

Il-purċissjoni tgħaddi minn Triq Sant'Ursola u tgħaddi għal Triq il-Merkanti, tkompli għal Triq San Pawl u wara għall-knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu. Fiha jieħdu sehem l-aqwa awtoritajiet fejn tidħol il-Knisja. L-Arċisqof ta' Malta u n-Nunzju tal-Vatikan, kif ukoll l-Isqof Awżiljarju, ikunu preżenti biex jingħaqdu mal-poplu u jimxu tul il-purċissjoni kollha. Il-Belt tieqaf u tidħol f'ambjent ta' swied il-qalb. Il-ħwienet ikunu kważi vojta u l-ħajja filgħaxija trid turi li anke hi qed taħseb fid-duluri ta' Marija Santissima.

## IL-VARA

L-attrazzjoni ewlenija ta' din il-purċissjoni hija l-vara tad-Duluri. Din il-vara għandha l-istorja tagħha. Għall-ewwel l-arċifratellanza tal-Kurċifiss ma kellhiex vara tad-Duluri. Konna nsibuha biss bħala figura fil-Vara l-Kbira. Fis-sena 1740 Saverio Laferla

lesta din il-vara. Kienet magħmula mill-kartapesta u ħallas għaliha Girolamo Grugno. Dan Grugno ħallas sew għall-vara u sew għall-bradella. Ħareġ is-somma ta' 119-il skud u disa' rbajja'. Bħala ringrazzjament il-fratellanza riedet li dan Grugno jżomm għandu ċ-ċavetta tan-niċċa tagħha. L-ewwel deskrizzjoni tal-vara tad-Duluri nsibuha fl-inventarju tas-sena 1773. Kellha salib kbir mingħajr figura ta' Kristu mejjet. Kien hemm ukoll sellum li kien jistrieħ mal-istess salib. Mal-figura tal-Madonna, li kienet bilqiegħda taħt is-salib, kien hemm ukoll il-figura ta' anġlu żgħir. F'idejh dan l-anġlu hemm kuruna tax-xewk u l-imsiemer. Is-sejf u l-istellarju ta' din il-vara huma tal-fidda u jissemmew fl-inventarju tas-sena 1798. Aktar tagħrif dwar il-kuruna, l-imsiemer u s-sejf insibuh fl-inventarju tas-seklu dsatax. Dan l-inventarju jsemmi li l-flus biex ġew ordnati dawn l-affarijiet kienu ġew mill-offerti li kienu għamlu n-nies ħalli jeħilsu mill-marda qerrieda tal-pesta tas-sena 1813.

## L-AFFARIJIET L-OĦRA

Il-bradella tal-ġewż inħadmet fl-1850 minn Angelo Buttigieg. Swiet 23 skud u erba' rbajja'. Matul is-snin din sarulha diversi interventi ta' restawr. Fis-sena 1868 Antonio Fenech tħallas tnax-il skud u nofs għar-restawr ta' din il-bradella. Fis-sena 1939 is-sellum tal-vara nħadem mill-ġdid. Din id-darba sar mill-aħwa Bruno u qam lira.

Fis-sena 1952 Giuseppe Caruana minn Bormla bidlilha wiċċha. Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol, fost id-devoti u l-fratelli kien hemm biża' li dan it-tibdil ma kienx ser jirnexxi. Ix-xogħol kien suċċess u għalhekk fis-16 ta' Diċembru ta' dik is-sena l-fratellanza kitbitlu ittra ta' ringrazzjament u ferħitlu għax ġab il-vara 'sabiħa'. F'din is-sena saret tiswija fil-vara u ngħata banju tad-deheb. Tqiegħdu l-fosos fiċ-ċintorin, fis-sandli u fl-istellarju. Dan ix-xogħol sar mid-ditta ta' Francis Cassar, ditta minn Bormla.

## L-IMPORTANZA TAL-VARA

F'Malta u f'Għawdex insibu żewġ tipi ta' vari tad-Duluri. Hemm vari b'figura tal-Madonna weħidha. Dawn il-tip ta' vari nsibuhom fil-parroċċi Għawdxin. Il-vara tad-Duluri tal-Belt Valletta influwenzat it-teni tip ta' vari. Hawn vari bil-figura Marjana bilqiegħda u anġlu u oħrajn bil-figura Marjana u l-figura ta' San Ġwann. F'Ħaż-Żebbuġ hemm duluri li hi eċċezzjoni. Din fiha sew il-figura Marjana u anġlu kif ukoll il-figura ta' San Ġwann. L-aktar vara tad-Duluri li tixbah il-vara tal-Belt Valletta nsibuha f'Ħal Tarxien. Din il-vara, għalkemm saret wara t-Tieni Gwerra Dinjija u saret fl-Italja, hija kopja fidila ta' din il-vara. Tgħid it-Tarxiniżi kellhom f'moħħhom li ser jibdew jibnu l-kollezzjoni tas-sett ta' vari tal-passjoni? Tgħid kien hemm rabta bejn il-purċissjoni tal-Belt Valletta u xi Tarxiniżi? Aktar hemm il-possibilità li għal Jum id-Duluri t-Tarxiniżi kienu jinżlu f'xi belt tal-Kottonera, l-aktar Bormla, sakemm kisbu vara huma.

Il-vara tad-Duluri tal-Belt hi vara li daħlet f'ħafna qlub mill-poplu Malti. Min jaf kemm nies f'siegħa ta' dwejjaq ħarsu lejn Ommna tas-Sema u talbu ħniena u għajnuna kif ukoll grazzji. Min jaf kemm santi ġew stampati ta' din il-vara. Min jaf kemm talb ingħad permezz ta' din il-vara. Vara li issa ġiet stabbilita bħala waħda miż-żewġ statwi tal-passjoni l-aktar popolari – l-oħra hija dik tar-Redentur tas-sett tal-Isla. ■


**REFERENZI**

Ġorġ Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*, TAU 1986

JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)



## SAN ĠUŻEPP – 150 SENA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI

# MALTIN DEVOTI TA' SAN ĠUŻEPP (IR-RABA' PARTI)




Id-devozzjoni lejn San Ġużepp ilha li sabet l-għeruq fost il-Maltin u l-Għawdxin. Fost dawn id-devoti nsibu qaddis, beati u nies magħrufa għall-ħajja spiritwali li għexu.

### SAN ĠORĠ PRECA (1880-1962)

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp kienet ħaġa importanti fil-ħajja ta' dan il-qaddis. Alfred Delmar jikkwota lil San Ġorġ Preca u jispjega għaliex wieħed għandu jkun devot ta' San Ġużepp, ir-raġel ta' Marija: "Id-devozzjoni lejn San Ġużepp hija siewja wisq għall-qawwa tiegħu, għall-imitazzjoni tiegħu, għall-benedizzjoni tiegħu, għall-glorja tiegħu u tas-Sagra Familja kollha. Min jagħti ġieħ lil San Ġużepp ikun qed jagħmel bħal Ġesù Kristu u bħal Marija Santissima, li tant qimuh, u beatu min jirrikorri lejh."[1] Kliem qawwi li juri kemm dan il-qaddis Malti kellu qima lejn San Ġużepp. Mhux ta' b'xejn li fl-1932 San Ġorġ Preca ppubblika ktieb

**REFERENZI**

1. Delmar A., 'Maltin magħrufa għad-devozzjoni lejn San Ġużepp', *Festa San Ġużepp 2016*, Ħaż-Żebbuġ, Malta, Każin San Ġużepp u Banda De Rohan, A.D. 1880, p. 243.

fuq dan il-qaddis. F'dan il-ktieb insibu 31 ħsieb qasir fuq San Ġużepp. L-idea ta' San Ġorġ Preca kienet li s-soċji tal-Mużew u d-devoti ta' San Ġużepp ikunu jistgħu jaqraw ħsieb differenti kuljum matul ix-xahar ta' Marzu, xahar li l-Maltin jiddedikaw lil dan il-qaddis minn Nazaret.

San Ġorġ Preca kien iqatta' ħafna ħin jimmedita fuq il-ħajja ta' San Ġużepp. Hu wasal għall-konklużjoni li dan il-qaddis bilfors huwa qaddis kbir, għax Alla għażlu biex ikun il-kap tal-Familja Mqaddsa. Dan kien ifisser li Alla fada lil San Ġużepp bir-responsabiltà tal-aktar żewġ personaġġi li kienu ferm għal qalbu – Ġesù u lil Marija, Omm il-Messija.
Id-devozzjoni lejn San Ġużepp setgħet kienet wirt tal-familja, iżda din ċertament kibret meta San Ġorġ Preca ġie mfejjaq minn marda gravi li kellha twasslu għall-mewt. Il-Prof. Enrico Meli kien tal-fehma li dan iż-żagħżugħ ma tantx kellu ħajja twila, billi wieħed mill-pulmuni kien diġà spiċċa. Minkejja dan, ftit jiem qabel l-ordinazzjoni tiegħu Dun Ġorġ ħassu tajjeb. Qam mis-sodda u mar għall-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. San Ġorġ Preca dejjem jattribwixxi dan il-miraklu tal-fejqan tiegħu lil San Ġużepp.[2]

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp għaddiet minn San Ġorġ Preca għas-soċji tal-Mużew. San Ġużepp ġie dikjarat minn San Ġorġ Preca bħala l-qaddis protettur tal-mezzi temporali. Din id-dikjarazzjoni saret waqt l-inkwiet li kien qed jara San Ġorġ Preca fuq wiċċu, dwar il-futur tas-Soċjetà tiegħu. Hu sab faraġ kbir fil-festa ta' San Ġużepp tal-1917. Barra minn hekk, is-Soċjetà tal-Mużew bdiet tirriserva nhar ta' Erbgħa bħala jum iddedikat lil San Ġużepp. Fuq l-insistenza ta' San Ġorġ Preca s-soċji huma mistennija jimmeditaw fuq is-safa ta' dan il-qaddis. San Ġorġ Preca ried ukoll lis-soċji jsellmu lil San Ġużepp bil-kliem ta' innu qasir li kien ikkompona hu stess. Għall-festa liturġika ta' San Ġużepp, San Ġorġ Preca kiteb 'il-programm speċjalissimu'. Fl-aħħar nett hu kiteb ġakulatorja biex tingħad lil San Ġużepp – *San Ġużepp ta' qalb safja, itlob għalina.*[3]

## IL-BEATA SUOR ADEODATA PISANI (1806-1855)

Fil-ktieb li ħareġ mill-pinna tagħha – *Il Giardino Mistico dell'Anima amante di Gesù e Maria* (1835) – hi fasslet l-idea ta' qdusija spiritwali għal



ħajjitha. F'dan ix-xogħol hi ssemmi lil San Ġużepp bħala l-protettur tagħha. Barra minn hekk, f'dan il-ktieb San Ġużepp jissemma diversi drabi. Wieħed ma jistax ma jsemmix li dan ix-xogħol kien ikkunsidrat bħala dokument importanti għall-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha. Skont Michael Buttigieg dan id-dokument irid iwassal lil din is-soru tal-klawsura għall-qima tal artali.[4]

## IL-BEATU NAZJU FALZON (1813-1865)

Il-familja li trabba fiha Nazju Falzon kienet devota kbira ta'

**REFERENZI**

2. Delmar A., 'Maltin magħrufa...' op. cit., p. 244.
3. Delmar A., 'Maltin magħrufa...' op. cit., p. 237.
4. Buttigieg M., 'Il-Venerabbli Adeodata Pisani O.S.B.', *Il-Mument*, 12-vii-1992, p. 26.

San Ġużepp. Skont ix-xhieda ta' Suor Ursola Mamo, Nazju kellu devozzjoni kbira lejn il-qaddis. Qabel il-festa liturġika ta' San Ġużepp, Nazju kien jagħmel novena, li fiha kien isum. Hu kien jagħmel minn kollox biex membri tal-familja jissieħbu miegħu f'din in-novena. Suor Ursola kompliet tgħidilna li meta Nazju kien għadu tfajjel, hu kien jorqod bil-kuruna tar-rużarju u ktieb ta' San Ġużepp f'idejh. Fil-ktieb tat-talb kien iżomm santa ta' San Ġużepp. Ta' spiss kien ibus din is-santa u anke l-paġni tal-ktieb fejn kien hemm it-talb iddedikat lil San Ġużepp. Fil-kamra tiegħu kien iżomm kwadru li dejjem kien ikollu d-dawl jixgħel quddiemu. Fl-aħħar mumenti ta' ħajtu rass dan il-kwadru ma' sidru.

Meta kien ikun il-Belt Valletta kien iżur il-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu biex jitlob quddiem il-vara ta' San Ġużepp, waqt li meta kien jitla' l-Imdina biex jara l-familja ta' De G. Dei Conti Sant kien iżur l-oratorju tal-arċikonfraternità ta' San Ġużepp fir-Rabat, biex jitlob quddiem il-vara Ġużeppina. Meta wasal fl-aħħar ta' ħajtu, ħuh (Dun Franġisk Falzon) jgħid li Nazju talab għal ftit żejt mil-lampa ta' San Ġużepp biex jagħmlu fuq sidru minħabba l-uġigħ kbir li kien qed iħoss. Hu ħalla din id-dinja bil-kwadru f'idejh.[5]



## MADRE MARGERITA DE BRINCAT (1862-1952)

Madre Margerita de Brincat hija l-fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Din is-soru kienet iddur fuq San Ġużepp meta kienet issib ruħha daharha mal-ħajt. Tant kemm kienet devota ta' dan il-qaddis li fir-regola u fil-kostituzzjoni tal-istitut tal-Ordni li waqqfet, is-sorijiet kienu mistennija li jagħtu qima sew lil Marija Santissima u sew lil San Ġużepp. Barra minn hekk Suor Margerita ddikjarat lil San Ġużepp bħala d-direttur tal-kongregazzjoni. Għaliha San Ġużepp dejjem kien lest li jagħtiha daqqa t'id. Dan narawh meta fetħet id-dar ta' Birkirkara, fejn kellha tilqa' bniet li ma kinux imorru l-iskola. Dan il-bini kien żgħir u ma kienx fil-qalba. Wara talb lil San Ġużepp sabet dar li kienet fi Triq San Ġużepp u fil-kantuniera kien hemm niċċa ta' dan il-qaddis. Fl-aħħar nett, waqt li kienet f'din id-dar, San Ġużepp ispiraha biex tmur Għawdex minnufih biex issalva l-kongregazzjoni. Insibu wkoll Maltin oħra devoti ta' San Ġużepp – Mons. Ġużeppi De Piro (1877-1933), Mons. Franġisku Falzon Debono (1808-1895), Mons. Sidor Formosa (1851-1931) u Madre Marija Tereża Nuzzo (1851-1923). ■

**REFERENZI**

5. Delmar A., 'Maltin magħrufa...' op. cit., pp. 239-241.

FR MARIO ATTARD OFMCap



# IL-BIĊĊA TAL-PARABBOLA TAL-ĦADDIEMA FL-GĦALQA TAD-DWIELI

L-Isptar Mater Dei Alla jbierku! Fih daqs ma nafx xiex! Xi ħadd qalli li hu raħal. Jew saħansitra belt żgħira, ukoll! Tibżgħux, mhux qed jgħid ħażin, għaliex jien u sħabi l-patrijiet li naħdmu fih inkejluh maduma b'maduma. L-Isptar Mater Dei ġgantesk!



Illum nifhimha kif mhux kulħadd jista' jiġi jaħdem f'dan l-isptar. Dan għaliex minbarra li wieħed il-Mulej ikun irid isejjaħlu għal dan ix-xogħol partikolari u delikat mal-morda, id-distanzi li fih huma dawk li huma. Fil-verità kollha d-distanzi huma kbar ħafna f'Mater Dei. U tant kemm huma kbar li biż-żmien wieħed jaf jeżawrixxi ruħu wkoll. Għalhekk tajjeb li jkollna ftit ħniena minn dawk li qed jaħdmu hemm u xogħolhom jintiseġ f'dak il-mixi kollu. Il-bniedem bniedem hu, u mhux magna li jrid jiffittja kif jiffantasizza moħħna jew inkella biex joqgħod għar-regoli ta' fuq il-karta.

Meta xi persuni jgħiduli, 'Patri, mela kif tagħmlu biex tlaħħqu ma' dak il-kobor ta' sptar?'

jiena nitbissem. Biex wieħed jitħaddet fuq Mater Dei jrid, l-ewwel nett, ikun irid jaħdem f'Mater Dei. Għalhekk kull 'teorija' li ġejja minn xi ħadd li qatt ma medd riġlejh f'dan l-isptar kbir ma tantx iddoqq u hija destinata li ma taħdimx. Mater Dei huwa tip ta' sptar li titgħallem ħafna minnu, għaliex tqatta' l-ħin fih, liema ħin jegħjik u jesponik għal ħafna u ħafna wġigħ li tara l-ħin kollu madwarek.

Jekk irridu nkunu sinċieri, is-saċerdoti u l-patrijiet fostna qegħdin jonqsu kważi kważi b'rata allarmanti. Dan qed ngħidu la biex naqta' l-qlub u lanqas biex nieħu gost ngħaġġibha. Iżda l-verità hemm bżonn bil-qabda li naffrontawha, inkella aktar ma l-mewġa tan-nuqqas ta' saċerdoti u patrijiet se tkompli tikber u ġejja dritt għal fuqna, aktar ħa ssibna mhux imħejjija biex naffrontaw l-isfidi li għandha taffaċċja l-Knisja f'Malta ta' għada. Mela, biex inkunu aktar imħejjija għal dawn l-isfidi, nagħmlu sewwa li bħal dak is-sultan tal-parabbola noqogħdu bilqiegħda biex inqisu ħa naraw. (Lq. 14:28, 14:31)

Issa jien, fid-dinja ckejkna tiegħi, dan kelli nagħmlu bl-ammont ta' sejħiet li jkolli kuljum f'dan l-isptar kbir. Jekk irrid ngħid is-sewwa, jien m'għadnix il-patri li kont ftit tas-snin ilu. Minbarra l-problemi fis-saħħa li għaddejt minnhom u li żgur ħallew impatt fuqi, iż-żmien issa bil-mod il-mod qed isir daqsxejn waħda għadu tiegħi. Għalhekk imbilli nwaħħalha f'rasi, kif jippruvaw iwaħħluhieli wħud billi jgħiduli, 'U kemm għadek żgħir!' li jien għadni l-istess bħal meta kont żagħżugħ, dan mhu se jgħinni qatt biex naffronta r-realtà. Jien ukoll irrid nara kif ħa nkampa fil-kuntest tal-kobor ta' Mater Dei.

Ma kinitx faċli għalija li nsib tweġiba. Dan l-għaliex, u sinċerament, xtaqt ħafna nibqa' għaddej bl-istess ritmu ta' meta kont iżgħar fiż-żmien. Imma, ħbieb, meta tħabbat wiċċek ma' distanzi daqshekk kbar fi sptar, ma tistax, le, tibqa' tirraġuna li bilfors, ma' kull għajta, tmur dak il-ħin stess. Inkella, jekk nimpika miegħi nnifsi u nagħmel hekk, żgur li niġi mwaqqaf mill-kundizzjoni ta' saħħti, li żgur ma tippermettilix. Imma din hi parti mill-istampa. Dan l-għaliex, u dan ngħidu b'ħafna sinċerità u ferħ f'qalbi, minkejja ż-żmien u saħħti, nista', iva, nibqa' nagħti sehmi f'Mater Dei. Għal hemm sejjaħli, bhala Kapuċċin! F'Mater Dei hemm bżonni, u bżonni bil-kbir! Allura kif nista' nibqa' nagħti sehmi f'Mater Dei meta jien affaċċjat mill-kundizzjoni ta' saħħti u miż-żmien?

Bit-talb u bl-esperjenza tal-'pellegrinaġġi' li ma jaqtgħu xejn fil-kurituri tal-isptar, l-Ispirtu s-Santu, ta' Alla li hu, malajr tani t-tweġiba. Kulma ridt nagħmel hu li mmur fil-Vanġelu skont San Mattew u naqra sewwa din il-parabbola, li tirrakkonta l-istorja tal-għalqa tad-dwieli.

Meta wieħed jaqra din il-parabbola mill-ewwel jinnota l-ħinijiet diversi li s-sid ħareġ biex isib il-ħaddiema ħa jaħdmu fl-għalqa tiegħu. Mela *ħareġ filgħodu kmieni ħafna* (Mt. 20:1). It-test tal-parabbola jgħidilna wkoll li *ħareġ ukoll madwar it-tielet siegħa* (Mt. 20:3). Imbagħad reġa' *ħareġ għal xi s-sitt siegħa* (Mt. 20:5). Għaliex ix-xogħol kien kbir, u kien hemm bżonn ta' aktar ħaddiema, *reġa' ħareġ għad-disa' siegħa* (Mt. 20:5) u *għall-ħabta tal-ħdax-il siegħa* (Mt. 20:6). Fi ftit kliem, f'temp ta' sitt versi fil-parabbola sid il-għalqa ħareġ ħames darbiet biex isib il-ħaddiema għall-għalqa tad-dwieli. Minn dan nintebħu bl-għaqal kbir li kien imżejjen bih dan is-sid. Kien jaf li fl-għalqa kien hemm ħafna xogħol xi jsir. Għalhekk kulma għamel kien li baqa' joħroġ sakemm isib l-ikbar numru ta' ħaddiema possibbli bil-għan li jgħinuh iwettaq il-ħolma tiegħu, jiġifieri li jkollu l-għalqa tad-dwieli maħduma.

Din it-tixbiha tal-għalqa tad-dwieli tfakkarni fis-Saltna ta' Alla li hemm fl-Isptar Mater Dei. Iva, l-isptar hu kbir! U jeħtieġ il-ħaddiema biex jiġi maħdum kif jixtieqU s-Sid, il-Mulej. Iżda, bħalma nafu, fis-sitwazzjoni tal-Knisja f'Malta, *il-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema ftit* (Mt. 9:37). Għalhekk, filwaqt li *nitolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu* (Mt. 9:38), irridu naraw kif ħa nsolvu l-problema fil-mument preżenti. Għax aħna llum qed ngħixu u mhux fil-passat jew fil-futur. Wara li tlabt lill-Ispirtu s-Santu l-Mulej fakkarni f'Sid il-ħsad, li joħroġ tant drabi fil-ġurnata biex jara jsibx ħaddiema għall-ħsad tiegħu. Dan id-dettall lili għallimni li jien ukoll imsejjaħ, fiċ-ċirkustanzi ta' saħħti u taż-żmien li għandi, biex naqdih f'ħutna l-morda f'Mater Dei, billi kull tant ħin nagħmel dawk is-sejħiet li mhumiex urġenti. Hekk b'dawra waħda nkun nista' naqdi nies kemm nista'.

Dan l-eżerċizzju onest u fl-istess ħin mimli tama fakkarni li s-soluzzjoni fin-nuqqas ta' saċerdoti u patrijiet mhix li nagħlqu kollox u nirtiraw, iżda li l-ewwel nett naraw il-postijiet l-aktar importanti fejn in-nies, bir-raġun kollu, għadha tistenna l-preżenza tas-saċerdot u tal-patri. F'taħdita li kelli ma' saċerdot, semmejna li dawn il-postijiet



għandhom ikunu tlieta: (a) fl-iskejjel, (b) fl-isptarijiet u (ċ) fil-postijiet tax-xogħol. Ir-raġuni interessanti li dan ħija fis-saċerdozju tani kienet li ħafna min-nies fil-parroċċa llum ma ssibhomx id-dar matul il-ġurnata. Dan għaliex ħafna minnhom ikunu qed jaħdmu.

It-tieni, minn din it-taħdita ma' dan is-saċerdot tgħallimt ukoll li fil-qadi pastorali għandna nagħmlu l-prijoritajiet, jiġifieri x'jiġi l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-bqija. It-tielet, meta jkun hemm djalogu bejn is-saċerdot jew il-patri mal-ħaddiema fl-isptar, ix-xogħol jimxi aħjar. Dan għaliex kulhadd jibda jara l-bżonn tas-servizz tal-patri u fl-istess ħin jifhem ukoll li dan is-servizz għandu l-limitu tiegħu. Hekk is-servizz tal-patri jingħata sewwa u b'ħafna għaqal.

Minn dan l-eżerċizzju l-Ispirtu s-Santu għallimni li rridu nivvalorizzaw ħafna u ħafna aktar lis-saċerdot u lill-patri, u mhux noħduhom for granted. Irridu nibżgħu għalihom għaliex inkella taf tasal ġurnata li ma nsibuhomx magħna aktar. Filwaqt li nitolbuhom l-għajnuna, din nitolbuhielhom meta verament għandna bżonnha u mhux għalxejn jew b'mod kapriċċuż. U fl-aħħar nett aħna s-saċerdoti u l-patrijiet irridu nifhmu wkoll li huwa dover kbir tagħna li ningħataw u fl-istess ħin inkunu nafu l-limiti tagħna kemm nistgħu ningħataw. Hekk is-servizz li nagħtu jħalli l-frott għaliex ikun wieħed ħlereġ mill-għerf u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Kemm tagħlim pastorali, ħbieb, fil-biċċa tal-parabbola tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli! ■

FR ALFRED CALLEJA OFMCONV



# STORJA TA' MITEJN SENA MILL-FTUĦ TAL-QABAR TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI (1818-2018) (L-1 PARTI)



Franġisku, marid u dgħajjef f'saħħtu, mar fil-belt ta' Siena għall-kura tat-tabib ħabib tiegħu Buon Giovanni minn Arezzo. Hemm ħassu ħażin ikrah ħafna. Mifni kif kien mill-marda serja li kellu, ħass li kien wasal għat-tmiem ta' ħajtu. Għalhekk il-patrijiet ħaduh lura lejn Assisi. Waqfu f'Bagnara di Nocera għal ftit jiem. Hu talab lill-aħwa jġorruh lejn Santa Marija tal-Porziuncola f'Assisi "biex hemm, fejn kien irċieva l-ispirtu tal-grazzja, irodd lura hemm ukoll in-nifs tal-ħajja" (S. Bonav.). Filgħaxija tas-Sibt, 3 ta' Ottubru 1226, il-Fqajjar ħass li l-aħħar siegħa tiegħu kienet waslet. Talab lill-patrijiet imidduh għeri fuq il-qiegħa tal-art u wara li qalilhom: "Jien għamilt il-parti tiegħi; Kristu jgħallimkom tagħmlu l-parti tagħkom", beda jkanta Salm 142: "B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob..." Lanqas laħaq temm is-Salm; Franġisku poġġa jdejh f'għamla ta' salib fuq sidru u talabhom jaqrawlu s-silta tal-Vanġelu ta' San Ġwann: "Qabel il-festa tal-Għid..." Raqad fil-Mulej, imdawwar mill-patrijiet għarkupptejhom, jibku u jitolbu.

Kien hemm ukoll Fra Jacopa de' Settesoli, mara ħabiba ta' Franġisku. Hi biss kellha l-permess tidħol fil-klawsura. Il-funeral sar fil-knisja żgħira tal-Porziuncola. Mill-Porziuncola telqu lejn il-knisja ta' San Damjan. Għamlu waqfa qasira u komplew mexjin lejn il-knisja ta' San Giorgio, fejn difnu ġismu f'qabar. Dam midfun f'din il-knisja minn Ottubru 1226 sa Mejju 1230. Il-Papa Girgor IX, Ugolino Di Conti, ried li fit-13 ta' Ġunju 1228 jinbeda l-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Franġisku fil-belt ta' Perugia. Fis-16 ta' Lulju 1228 l-istess Papa Girgor IX għollieh għall-unuri tal-artali. Dan il-Papa kkanonizza wkoll lil Sant'Antnin ta' Padova, lil San Duminku ta' Guzman, fundatur tal-Ordni Dumnikan, u lil Santa Elizabetta tal-Ungerija, patruna tal-Ordni Franġiskan tas-Sekulari.

L-istorja Franġiskana hija mibnija fuq kitbiet li ħallewlna ħafna kittieba Franġiskani li mhumiex dwar il-ħajja ta' Franġisku u tal-



patrijiet tiegħu. Insibu wkoll kitbiet fuq il-ġrajjiet ta' wara l-mewt tal-Qaddis. Dawn il-kitbiet illum huma miġbura flimkien u jissejħu *Fonti Franġiskani.* Hemm lista twila ta' kittieba. Se nsemmi biss ftit minnhom: Tommaso ta' Celano, San Bonaventura, Bernard de Besse; Jacques de Vitry, u l-famużi *Fioretti*, li huma ġabra ta' tifkiriet, rakkonti, djalogi, mirakli u eżempji devoti ta' San Franġisk. Jinteressana biss li niktbu l-ġrajjiet tal-knisja/bażilika papali u l-qabar ta' San Franġisk, li kien jinsab fiha matul il-mitejn sena bejn is-sena 1818 u s-sena 2018. Naturalment jeħtieġ li nsemmu, fil-qosor ħafna, xi ġrajjiet ta' bejn il-mewt u l-aħħar difna tal-Qaddis. Frate Elija minn Cortona, li kien arkitett, ried li tinbena knisja ġdida f'ġieħ il-Qaddis ta' Assisi. Nafu li fis-17 ta' Lulju 1228, l-għada li Franġisku sar qaddis, Frate Elija poġġa l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Il-knisja tlestiet mix-xogħlijiet kollha fit-22 ta' April 1230.

Il-ġisem ta' San Franġisk t'Assisi ġie midfun b'solennità kbira fil-knisja mibnija għalih apposta minn Frate Elija, fil-25 ta' Mejju 1230. Frate Elija għażel il-post tad-difna ta' Franġisku billi għamel qabar sewwasew taħt l-artali maġġuri taż-żewġ knejjes mibnijin fuq xulxin. Id-difna saret billi l-ġisem tal-Qaddis ġie maqlugħ mill-qabar fil-knisja ta' San Ġorġ u meħud fil-knisja l-ġdida. Huwa ried ikun żgur li l-ġisem jistrieħ f'post ħieles minn kull periklu u jkun diffiċli ħafna biex jerġa' jiġi meħud fi knisja jew f'post ieħor. Fil-fatt hekk sar.

Huwa veru li d-difna tal-Qaddis fil-qabar il-ġdid ma kien jaf biha ħadd, ħlief ftit nies li kienu preżenti bil-permess ta' Frate Elija u li żammew dan is-sigriet sas-sena 1818? Il-patrijiet u n-nies ta' Assisi kienu tassew imbeżżgħin li dan il-ġisem qaddis seta' jinsteraq u jittieħed f'xi belt oħra, bħal Perugia. Kienu ħafna d-diċeriji mxerrda sewwa li l-ġisem ta' San Franġisk ma jinstabx f'Assisi. Kienu l-patrijiet stess li kellhom din il-fehma. Ma ninsewx li l-Ordni Franġiskan, fl-ewwel snin tiegħu, għadda minn diversi qasmiet jew riformi. Dokument li nkiteb 150 sena wara d-dfin tiegħu fejn jinsab illum, bl-isem ta' *Chronica XXIV Generalium*, jgħid li ħadd ma kien jaf il-post preċiż tal-qabar fil-knisja ħlief Frate Elija u ftit nies oħra li kienu miegħu. Iżda illum nafu li dan mhuwiex il-verità. Studjużi storiċi oħra jgħidu li dan mhux veru. Sabiex isir il-qabar li nafu bih illum ried ikun hemm ħafna nies oħra esperti u ħaddiema tas-sengħa, għaliex il-qabar tħaffer fil-blat iebes u niżlu fil-fond. Kellhom jintużaw għodda apposta, ix-xogħol isir kollu bl-idejn u ħadu ħafna żmien biex ilestuh. Huwa ċert li kienu jafu l-post preċiż tal-qabar, barra mill-ħaddiema, il-Papa Gregorju IX, il-Ministru Ġenerali tal-Ordni Fra Giovanni Parente, kienu preżenti wkoll ħafna ministri provinċjali li kienu f'Assisi għall-kapitlu ġenerali tas-sena 1230 u l-maġistrati ta' Assisi, li fis-sena 1279 kitbu kontra dawk li bdew jgħidu li l-ġisem ta' Franġisku kien midfun fil-knisja ta' San Franġisk fl-Awstrija. Ma' dawn kien hemm żgur il-patrijiet tal-bidu u sieħba ta' Franġisku fl-Ordni.

Huwa poġġa l-ġisem tal-Fqajjar ta' Assisi, li kien ġo tebut tal-injam, ġo tebut tal-ġebel tqil tnax-il kwintal u dawwar il-qabar b'gaġġa tal-ħadid. Il-patrijiet, matul is-snin, xlaqu li l-awtoritajiet tal-Knisja jagħtuhom il-permess li jiftħu dan il-qabar biex jaraw u jqimu l-ġisem qaddis tal-fundatur tagħhom.

*(N.B. Inkompli nikteb dwar dan is-suġġett f'artikli oħra.)* ■

MONS. JOSEPH GALEA CURMI - ISQOF AWŻILJARJU



# NIFS ĠDID U FRISK




Il-Ħamis, 3 ta' Ottubru 2019: Omelija f'quddiesa mill-Isqof Awżiljarju Mons. Joe Galea Curmi fil-knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, lejlet il-festa ta' San Franġisk.

## NIFS ĠDID U FRISK

San Franġisk hu qaddis popolari. Kif issemmih, ħafna mall-ewwel iġibu quddiem għajnejhom il-paċi, l-ambjent, il-faqar. Dan bir-raġun, għax San Franġisk hu xhud ta' kif tkun strument tal-paċi, kif tirrispetta l-ħolqien, u ta' kif tgħix il-faqar u tħobb u tgħin lill-fqar.

Nixtieq li llum l-ewwel nett nistaqsu: x'kien dak li mexxa lil Franġisku f'ħajtu biex seta' jagħmel ċerti għażliet radikali li għadhom jattiraw lant nies?

## RELAZZJONI MA' ĠESÙ

Kienet il-laqgħa tiegħu ma' Ġesù li biddlet lil ħajtu u wasslitu biex jitlaq il-ħajja komda u moħħ ir-riħ li kien qed jgħix, u jibda jgħix tassew ta' iben il-Missier li qiegħed fis-smewwiet. Għalhekk, għax iltaqa' ma' Ġesù, ried isir jixbhu bl-iktar mod radikali. L-ewwel messaġġ li jagħtina għal ħajjitna hu dan: li nkunu Nsara jfisser qabelxejn li jkollna relazzjoni personali ma' Ġesù. Franġisku beda sewwasew mill-ħarsa ta' Ġesù fuq is-salib fil-knisja ta' San Damjan, hu u jitlob quddiem il-Kurċifiss. Il-Papa Franġisku, meta kien Assisi, osserva kif f'dan il-Kurċifiss id-demm jidher nieżel mill-ġrieħi ta' jdejn Ġesù, u ta' riġlejh u tal-kustat, imma dak id-demm jesprimi l-ħajja. Ġesù m'għandux għajnejh magħluqin imma miftuħa beraħ, u din hi ħarsa li tkellem il-qalb.

Il-Kurċifiss ikellimna mhux dwar telfa imma dwar mewt li tagħti l-ħajja. Ikellimna dwar l-imħabba li ma tmutx, anzi li hi rebbieħa fuq il-ħażen u fuq il-mewt. Bħal Franġisku, aħna msejħin biex inħallu lil Ġesù jħares lejna, b'mod li aħna nħossuna tassew maħbuba, ukoll jekk midinbin.

Nixtieq nagħmel din it-talba lil San Franġisk: għallimna noqogħdu quddiem il-Kurċifiss, inħalluh iħares lejna, iħobbna, jaħfrilna, u jagħmilna ħolqien ġdid bi mħabbtu.

## IL-PAĊI

Lil Franġisku ħafna jassoċjawh mal-paċi, u jagħmlu sew. Imma liema hi l-paċi li Franġisku laqa', għex u għadda lill-oħrajn? Hi l-paċi li Kristu Rxoxt ta lid-dixxipli tiegħu meta deher fosthom. Il-paċi ta' Franġisku mhijiex paċi sentimentali, u lanqas ma hi paċi li tgħaqqadna ma' xi enerġiji tal-univers. Hi l-paċi ta' Kristu "ta' qalb ħelwa u umli", bħalma smajna fl-Evanġelju, il-paċi li toħroġ mill-imħabba kbira tiegħu lejna. Il-messaġġ li jagħtina Franġisku hu messaġġ ta' qalb ħelwa u umli li tgħinna negħlbu l-arroganza, il-preżunzjoni, is-suppervja, u d-disprezz tal-oħrajn. Għalhekk nixtieq nitlob lil San Franġisk: Nitolbuk, għallimna nkunu 'strumenti tal-paċi', tal-

paċi li l-għajn tagħha hu Alla, il-paċi li ġabilna l-Mulej Ġesù.

### IL-ĦOLQIEN

Franġisku hu assoċjat mal-ambjent. Min jafu sew, jaf li kellu mħabba kbira lejn il-ħolqien, u kien ifaħħar lill-Mulej li l-kobor tiegħu jidher fil-ħlejjaq tiegħu. Franġisku hu xhieda tar-rispett lejn dak kollu li ħalaq Alla biex inħarsuh, ngħinuh jikber u jkun dejjem iżjed sabiħ. Fuq kollox Franġisku hu xhieda li l-bniedem hu fiċ-ċentru ta' dan il-ħolqien ta' Alla, fil-post fejn iridu l-Ħallieq.
Il-messaġġ li jagħti lilna hu messaġġ qawwi ta' rispett lejn il-ħolqien; lejn l-ilma, il-baħar, is-siġar, il-fjuri, l-annimali. M'għandniex infittxu l-interessi immedjati tagħna akkost li neqirdu l-ħolqien. Irridu nħarsu l-ħolqien, don ta' Alla, u nħarsuh għalina, għas-saħħa tagħna, u wkoll għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna, li lejhom aħna għandna r-responsabbiltà llum.

San Franġisk, nitolbuk: iksbilna mingħand Alla d-don li f'din id-dinja tagħna jkollna l-armonija u r-rispett lejn il-ħolqien!

### IL-FAQAR

Franġisku, bin negozjant għani ta' Assisi, għażel li jixbah lil Ġesù fil-faqar tiegħu – Ġesù li għalkemm kellu kollox, ftaqar hu biex bil-faqar tiegħu nistagħnew aħna. Għalhekk fil-ħajja kollha ta' Franġisku naraw l-għażla tal-faqar u l-imħabba għall-foqra b'mod li dawn jintrabtu flimkien.

Il-faqar ma jfissirx li tgħix fil-miżerja imma li tgħix b'dik il-libertà tal-qalb, bis-sempliċità, u bla ma tkun ikkundizzjonat minn dak li għandek. Hu faqar dinjituż. Hu dan li jgħinek imbagħad biex tieqaf ma' dawk li huma vulnerabbli, emarġinati, dawk li s-soċjetà kultant twarrab u titfagħhom 'l isfel fl-iskaluni tal-ħajja.

Il-messaġġ li Franġisku jagħti lilna llum hu biex aħna ma norbtux qalbna mal-ġid li Alla jipprovdilna imma li nużawh tajjeb għall-ġid tagħna u tal-familja tagħna u għal dawk li huma fil-bżonn. Nużaw tajjeb il-ġid li għandna b'mod li nistgħu naqsmuh ukoll ma' dawk li m'għandhomx.

San Franġisk, nitolbuk: għallimna nagħmlu bħalek l-għażla tal-fqar, biex inwasslulhom il-Bxara t-Tajba u l-għajnuna biex jgħixu ħajja b'dinjità.

### "SEWWI L-KNISJA TIEGĦI"

Mis-salib ta' San Damjan, Franġisku sema' messaġġ importanti: "Mur, Franġisku, sewwi l-knisja tiegħi li, kif qed tara, qiegħda tiġġarraf". Għall-ewwel ħaseb li Ġesù kien qed jgħidlu jibni l-ġebel tal-knisja mwaqqgħa, bħal dik ta' San Damjan. Imma mbagħad fehem li l-messaġġ kien iktar profond. Ġesù ma riedx li Franġisku jibda xi knisja ġdida, joħloq xi ħaġa ġdida, imma ried li hu jġedded dak li kien qdiem u jġibu għas-sbuħija oriġinali tiegħu - għalhekk li jġedded il-Knisja minn ġewwa bħala iben il-Knisja.

Li jolqtok fi Franġisku hu li qatt ma ssib fil-kitbiet tiegħu kliem ta' tmaqdir lejn il-Knisja, jew ta' ġudizzju. Ma daħalx f'pika mal-Knisja, imma b'ħajtu stess wera stil ta' ħajja skont l-Evanġelju. Dejjem baqa' magħqud mal-Knisja, li kien iħares lejha bħala Omm. Ġeddidha minn ġewwa u taha nifs ġdid u frisk bil-ħajja radikali tiegħu, u bil-ħajja ta' fraternità mibnija fuq l-imħabba u l-għożża. Flok ħares lejn il-Knisja minn barra u ġġudikaha u kkundannaha, ġeddidha minn ġewwa billi għex hu u għen lill-oħrajn madwaru jgħixu dak li Ġesù talabna fl-Evanġelju.
Ejjew, għalhekk, nitolbu llum lil San Franġisk biex jidħol għalina u jgħinna nkunu strumenti tal-paċi, nies li bħalu ngħożżu l-ħolqien, li nagħżlu l-ħajja tas-sempliċità u ngħinu lill-fqar, u wkoll li nkunu strumenti ta' tiġdid fi ħdan il-Knisja. U nagħmlu dan billi ngħixu l-Evanġelju b'fedeltà sħiħa, u l-imħabba li biha Alla jimliena nkunu nistgħu ngħadduha lill-oħrajn. ■

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



## IL-VJAĠĠ TAL-PAPA F'BARI FIT-23 TA' FRAR

# IKTAR EKUMENIŻMU ĦAJ U GĦAJNUNA LIL ĦUTNA L-IMMIGRANTI

Qrib l-aħħar ta' Frar li għadda, il-Papa Franġisku għamel vjaġġ appostoliku ġewwa Bari, il-kapitali tar-reġjun Taljan tal-Puglia, fit-tarf t'isfel tal-peniżola Taljana. Dan ma kienx vjaġġ bħas-soltu, l-aktar minħabba l-impatt ekumeniku u għax għall-ewwel darba l-Papa ried jiltaqa' mal-isqfijiet kollha flimkien tal-Baħar Mediterran, inklużi Malta, il-Libanu, l-Eġittu, Tripli u l-pajjiżi l-oħra, u wkoll mal-kapijiet tal-Knejjes Insara l-oħra u ma' dawk Musulmani li huma delikati ħafna. Dawn il-kuntatti ilhom isiru b'mod bilaterali, ras imb ras, imma laqgħat bħal din ta' bosta mexxejja flimkien huma rari, jekk qatt saru!

Il-Knisja li hija fl-Italja riedet laqgħa bħal din bejn id-19 u t-23 ta' Frar, u l-isqfijiet u l-mexxejja studjaw "Il-Mediterran: Fruntiera ta' Paċi". Huma tkellmu u ddiskutew ukoll il-problema tal-emigrazzjoni u l-immigrazzjoni fil-baħar tagħna, u l-Papa kien magħhom fl-aħħar jum. Kienu



*Il-Papa Franġisku flimkien mal-patrijarki u mexxejja oħra jivvjaġġaw flimkien f'kowċ komuni mill-katidral u/għal inħawi oħra f'Bari*



*Poster kbir li ta merħba lill-Papa għal-laqgħa ġewwa Bari*

58 isqof u bosta mexxejja ta' knejjes u reliġjonijiet. Mhux ta' b'xejn bosta kummentaturi u studjużi sejħu din il-laqgħa "Kważi Sinodu Ekumeniku". U kien sinodu li fih deher "ekumeniżmu attiv". Għal din il-laqgħa ħadu sehem l-isqfijiet Maltin flimkien ma' Mons. Ġorġ Frendo OP, l-Isqof ta' Tirana-Durres u President tal-Konferenza Episkopali tal-Albanija u l-Isqof George Bugeja OFM, Vigarju Appostoliku ta' Tripli.

Andrea Riccardi, il-fundatur tal-Komunità ta' S. Egidio, studjuż u espert għal snin twal dwar l-ekumeniżmu, qal: "Mhux aktar biss laqgħat bejn żewġ naħat jew djalogi teoloġiċi, imma wkoll bejn il-Papa u l-mexxejja tal-Knejjes u l-Lvant Nofsani quddiem emerġenza tal-biża' bħalma hi dik tal-gwerra fl-aspetti kollha tagħha u tal-Insara li qed jonqsu f'dan ir-reġjun... Id-drama tal-gwerra u tal-miżerja tixpruna l-Insara jkunu aktar magħquda... Il-ħbiberija bejn il-popli tispira aktar ħidma għall-paċi... F'Bari saret talba għall-paċi mill-Insara. Il-Papa Franġisku wassal għal frott bikri r-relazzjonijiet tal-kapijiet tal-Knejjes: il-Patrijarka Bartolomew ta' Kostantinopli, il-Patrijarka Kopt Tawadoros, il-Patrijarka Kirill ta' Moska u l-Patrijarka Efrem tas-Sirja. Dan jista' jitqies li jfakkar l-anniversarju tal-mewt tal-Patrijarka Atenagoras, li kien l-interpretu ta' Pawlu f'Kostantinopli fl-1964."
Il-Kardinal Kurt Kuch,



Il-Papa Franġisku mal-kardinali u l-isqfijiet u patrijarki oħra Nsara

responsabbli f'dawn l-aħħar għaxar snin mir-relazzjonijiet ekumeniċi fil-Vatikan, qal: "It-tgħanniqa tal-paċi flimkien mal-Papa u t-titjir tal-ħamiem f'dak il-waqt kienu sinjal ta' messaġġ ta' paċi u ġustizzja għal dan ir-reġjun. Il-messaġġ tal-Papa kien qawwi ħafna u mmarka għeluq sabiħ u b'saħħtu magħmul mill-patrijarki u r-rappreżentanti tagħhom."

L-Arċisqof ta' Bari, Mons. Francesco Cacucci, filwaqt li fakkar li din il-laqgħa kollha kienet ħafna għal qalb il-Papa u mill-bidu riedha b'interess kbir, u b'determinazzjoni waħdanija "hu għexha b'emozzjoni kbira, imqanqal mit-tbatija ta' ħutna l-Insara mbegħdin bi twemmin differenti. Il-Papa Franġisku tenna bosta drabi li d-demm m'għandux kulur. L-ekumeniżmu tad-demm u tal-martirju jista' jgħaqqad ħafna aktar minn kull xorta ta' diskussjoni oħra".





Grupp ta' mexxejja Nsara Kattoliċi u Musulmani waqt is-sinjal tal-paċi

## GĦAJNUNA B'ĦIDMA FLIMKIEN

Il-Vatikanista Salvatore Izzo, li kien hemm ukoll, jikkummenta li f'Bari twettqet 'sinerġija' flimkien fejn jiġu mirbuħin elementi differenti ta' enerġija li fil-Lvant Nofsani jista' jkollhom interessi għall-gass, l-enerġija u l-armi, biex ilkoll flimkien kulħadd jibda jiġbed ħabel wieħed għall-ġid tassew tal-popli. Hekk biss jista' jsir pass 'il quddiem għall-paċi tassew u tinstab soluzzjoni għall-kobba mħabbla. Għax kollox ma' kollox il-popli qed ibatu. Infatti t-talb komuni flimkien, b'folla ta' aktar minn sebgħin elf ruħ, li l-osservaturi jgħidu li hu veru impressjonanti, issorprenda lil ħafna.

Dan kollu jservi biex dak li qal il-Papa jispikka dejjem aktar fl-imħabba Nisranija li lkoll irridu nuru lejn ħutna l-emigranti jew l-immigranti li jsibu ruħhom f'diversi perikli u s-solidarjetà ma' dawk li jitilfu ħajjithom. L-Insara jridu jiftakru li għandhom dejjem iwarrbu kliem li jġib disprezz jew nuqqas ta' rispett meta nitkellmu fuq persuni 'b'kulur differenti'. Inti li qed taqra tista' dejjem twarrab kliem hekk. Kelma pożittiva dejjem



Il-Papa mal-Patrijarka Bartolomew ta' Kostantinopli

tagħmel ħafna aktar ġid.

Il-Papa jgħidilna: "It-tagħlim tassew tar-reliġjonijiet jistieden li nibqgħu dejjem ankrati għall-valuri tal-paċi; hekk insaħħu t-tagħrif komuni ta' xulxin, tal-fratellanza umana u tal-għejxien flimkien. Ukoll dwar l-għajnuna lill-fqar u biex nilqgħu l-immigranti: tista' tiġi ħidma flimkien bejn gruppi ta' reliġjonijiet differenti u l-komunitajiet diversi jwettquha b'mod li tkun animata minn skopijiet komuni u tkun imsieħba bil-fatti."

"Hekk nistgħu, bil-mod u bir-rieda tajba, nibdew naraw id-differenza," ikompli l-Papa. "Morru, din hija l-ħidma li l-Mulej qed jafdalkom fiż-żona tal-Mediterran. Komplu ibnu r-rabtiet ta' ħidmietkom u fejn hemm artijiet niexfa, ibnu mill-ġdid ġnien; ixħtu tama f'min tilifha u ħeġġu lil min hu magħluq fih innifsu biex ma jkollux biża' minn ħuh, u ħarsu lejn dan li ġa sar bħal ċimiterju, biex ikun post ta' qawmien ġdid," temm jgħid il-Papa. U dan nistgħu nibdewh aħna wkoll fostna u ma' xulxin. ■

# AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## APRIL 2020

### 1. KTIEB ĠDID TA' ĦUNA FR MARTIN MICALLEF OFMCAP




*Mill-qari għall-Għejxien tal-Kelma ta' Alla: Lectio Divina għall-Evanġelju ta' żmien ir-Randan, Sena A* huwa l-isem ta' ktieb ġdid miktub minn Ħuna Rev. Dr Martin Micallef u ppubblikat fis-serje Reliġjon u Ħajja Bibbja 22/315 (Malta: 2020). Il-ktieb, li hu magħmul minn 178 paġna, joffri Lectio Divina fuq is-silta tal-Evanġelju tal-Ħdud tar-Randan, Sena A.

Kull waħda minn dawn ir-riflessjonijiet hija maqsuma f'ħames partijiet skont l-iskema tradizzjonali tal-Lectio Divina, jiġifieri Lectio, Meditatio, Oratio, Contemplatio u Operatio. L-awtur, li hu mħarreġ sewwa fl-istudju tal-Kotba Mqaddsa, jagħtina espożizzjoni profonda ta' kull waħda mill-ħames siltiet tal-Evanġelju għal żmien ir-Randan, filwaqt li jipprovokana sabiex nidħlu aktar fil-fond tal-ħsieb tal-awtur sagru biex napprezzaw aktar is-sbuħija tat-testi bibliċi. Minbarra hekk, l-awtur jgħinna wkoll napplikaw is-silta tal-Evanġelju fil-ħajja ta' kuljum, b'mod illi mill-qari nkunu nistgħu ngħaddu għall-għejxien tal-Kelma ta' Alla. Il-ktieb għandu wkoll preżentazzjoni fuq il-metodu tal-Lectio Divina minn Rev. Dr Paul Sciberras.

Dan huwa ktieb li min għandu għal qalbu l-Kotba Mqaddsa m'għandux jitilfu. Żgur li l-ktieb ser iservi ta' għajnuna kbira għal min ikun qed jipprepara l-omelija tal-Ħdud ta' żmien ir-Randan u għal dawk kollha li jridu jidħlu aktar fil-profondità tal-liturġija ta' dan iż-żmien qawwi liturġiku fil-ħajja tal-Knisja.

Il-ktieb jinbiegħ għall-prezz ta' €7 u huwa l-ewwel fis-serje ta' kotba oħra li l-awtur ser ikompli jippubblika għar-Randan tas-snin B u Ċ u għal żmien l-Avvent. ■

### 2. 50 SENA MILL-PAGEANT GROUP U L-KOR TA' MARIJA REĠINA, IL-MARSA

Matul din is-sena qed jiġi ċċelebrat ukoll il-ħamsin anniversarju mill-bidu tal-Pageant Group Maria Reġina u l-Kor Reġina Coeli tal-parroċċa tagħna ta' Marija Reġina, il-Marsa. Dawn iż-żewġ gruppi kienu twaqqfu minn Ħuna l-mibki Mario Azzopardi. Bħala parti mic-celebrazzjonijiet ta' dawn l-anniversarji saret quddiesa kkonċelebrata fl-istess knisja parrokkjali nhar is-Sibt, 15 ta' Frar 2020, immexxija mill-Ministru Provinċjali Ħuna Effie Mallia. Saru wkoll żewġ logos separati biex ifakkru dan l-anniversarju. ■

## 3. L-ARLOĠĠ TAX-XEMX TAL-KUNVENT TAGĦNA TAL-KALKARA



Wara diversi snin ma jaħdimx, l-arloġġ tax-xemx li jinsab fil-kjostru tal-kunvent tagħna tal-Kalkara ġie restawrat u issa qed jitgawda u jiġi użat mill-ġdid. Sfortunatament ftit li xejn nafu fuq dan l-arloġġ, imma minn informazzjoni li nġabret qabel ir-restawr, jidher li dan l-arloġġ għandu madwar mija u ħamsin sena filwaqt li d-disinjatur oriġinali mhuwiex magħruf. Minħabba li l-arloġġ ma kienx fi stat tajjeb kellha ssir ħadida ġdida, filwaqt li żdiedet linja fl-arloġġ biex tindika l-4 ta' Ottubru, li hija d-data tal-festa ta' Missierna San Franġisk. Dan ix-xogħol sar bħala parti mir-restawr li kien qiegħed isir fuq il-kampnar tal-kunvent tal-Kalkara, li issa huwa lest ukoll. ■

## 4. TLIET MARTRI KAPUĊĊINI ĠODDA



Domènec ta' San Pere de Ruidebitllets



Beneditt ta' Santa Coloma de Gramenet,

Nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2020 il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku awtorizza u ffirma digriet *super martyrio* ta' tliet Kapuċċini martri ġodda. Dawn il-Kapuċċini huma mill-provinċja tal-Katalunja: **Beneditt ta' Santa Coloma de Gramenet**, **Josep Oriol ta' Barċellona** u **Domènec ta' San Pere de Ruidebitllets.** Il-Papa ffirma wkoll digriet ieħor, din id-darba super virtutibus, għal **Marie Antoine de Lavau**, saċerdot profess tal-provinċja Franċiża.



Josep Oriol ta' Barċellona

1. Il-Qaddej ta' Alla Beneditt twieled fil-villaġġ ta' Coloma de Gramenet fis-6 ta' Settembru 1892. Hu ġie mgħammed fil-11 ta' Settembru 1892. Wara li għamel dixxerniment huwa daħal is-seminarju iżda aktar tard ħass is-sejħa għall-ħajja reliġjuża u għalhekk irċieva l-libsa Kapuċċina fit-18 ta' Frar 1809 fin-novizzjat ġewwa Barċellona, filwaqt li għamel l-ewwel professjoni tiegħu fl-20 ta' Frar 1910. Fit-23 ta' Frar 1913 huwa għamel il-professjoni perpetwa tiegħu u ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Mejju 1915. Fis-6 ta' Awwissu 1936 huwa nħataf u kien imġiegħel ikażbar lil Alla, ħaġa li huwa ċaħad li jagħmel u għalhekk inqatel.

2. Il-Qaddej ta' Alla Josep twieled f'Barċellona fil-25 ta' Lulju 1891. Ġie mgħammed fit-28 ta' Lulju 1891. Bit-tħeġġiġ ta' ħuh huwa daħal is-seminarju iżda ma għaddiex mill-ewwel eżamijiet u għalhekk prova jitgħallem xi sengħa. Minħabba s-sejħa qawwija li ħass għall-ħajja Kapuċċina hu għażel li jidħol novizz fil-21 ta' Ottubru 1906, filwaqt li pprofessa b'mod perpetwu fil-15 ta' Awwissu 1911 u kien ordnat saċerdot fid-29 ta' Mejju 1915. Hu għallem il-Liturġija, il-Latin u l-Ekkleżjoloġija f'Sarria. Aktar tard huwa ddedika ħajtu għall-predikazzjoni tas-sagrament tal-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Fl-24 ta' Lulju 1936, waqt li kien sejjer iqarben lil soru Klarissa, huwa nħataf u kien arrestat. F'dak il-lejl stess huwa nqatel f'Manresa.

3. Il-Qaddej ta' Alla Domènec twieled fil-11 ta' Diċembru 1882 u ġie mgħammed fis-17 ta' Diċembru. Huwa studja fl-iskola tal-villaġġ u l-kappillan tiegħu, għaliex għaraf fih żerriegħa ta' vokazzjoni, bagħtu s-seminarju. Huwa lesta l-istudji tal-Filosofija u t-Teoloġija u ordna saċerdot fil-25 ta' Mejju 1907. Minħabba li kien qed jinġibed lejn il-ħajja Kapuċċina huwa daħal għan-novizzjat fit-3 ta' Ottubru 1908 u għamel il-professjoni perpetwa tiegħu fl-4 ta' Ottubru 1912. Matul il-formazzjoni tal-bidu tiegħu huwa ngħata għall-predikazzjoni u għas-sagrament tal-qrar filwaqt li aktar tard intbagħat bħala missjunarju. Fil-lejl tas-27 ta' Lulju 1936, filwaqt li kien sejjer minn post għal ieħor għal aktar sigurtà, huwa kien arrestat, imsawwat u ttorturat u fl-aħħar inqatel f'Manresa. ■

## 5. Formazzjoni għall-kappillani ta' MATER DEI u SAMOC



Nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar 2020 sar nofstanhar ta' formazzjoni għal ħutna li jaħdmu bħala kappillani fl-isptarijiet Mater Dei u SAMOC fid-dar tal-irtiri tal-Ġiżwiti Mount St Joseph. Dan is-seminar ta' formazzjoni kellu s-suġġett 'Self Care and Resilience'. Dr Natalie Kenely, Kap tad-Dipartiment tas-Social Policy and Social Work fi ħdan il-Fakultà tas-Social Wellbeing, mexxiet dan is-seminar. Preżenti għal dan is-seminar kien hemm il-Ministru Proviċjali Ħuna Effie Mallia, Bertrand Vella, Leonard Falzon, Bernard Mangion, Gino Ciangura, Vincent Buhagiar, Mario Borg u Mario Attard. Kulħadd qabel kemm dan is-seminar sewa ta' ġid. Jalla kull tant żmien jittella' seminar ieħor bħalu ħalli ħutna fl-isptarijiet mhux biss jibqgħu jtejbu s-servizz li diġà qed jagħtu b'tant dedikazzjoni, qlubija u mħabba, imma wkoll neħdulhom ħsieb saħħithom u hekk nuruhom li napprezzawhom kif jixirqilhom ta' ħutna li huma f'din l-espressjoni ewlenija tal-kariżma Franġiskana Kapuċċina, jiġifieri l-ħidma mal-morda fl-isptarijiet. ■

## 6. CRUX INVICTA: IL-KURĊIFISS MIRAKOLUŻ U L-KAPUĊĊINI F'GĦAWDEX




*Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakoluż u l-Kapuċċini f'Għawdex* huwa l-isem ta' pubblikazzjoni ġdida miktuba minn Ħuna Rev. Dr Martin Micallef. Dan il-ktieb, li jinkludi 476 paġna u 346 ritratt, xi wħud minnhom ritratti antiki t'Għawdex li kienu għadhom qatt ma ġew ippubblikati, jinseġ tapizzerija rikka tal-ħajja tal-Kapuċċini f'dawn il-gżejjer madwar il-leitmotif tal-istorja tal-kurċifiss meqjum fil-knisja u l-kunvent tal-ordni f'Għawdex. Fl-isfond ta' kif żviluppa l-kult tal-kurċifiss sa mill-ewwel sekli tal-era Kristjana, kemm fid-dinja Kattolika kif ukoll f'dawn il-gżejjer, l-awtur jirrakkonta l-ġrajja ta' kif dan il-kurċifiss, li nħadem fi Sqallija fl-1683 minn artist tajjeb u li s'issa għadu mhux magħruf, inġieb f'dawn il-gżejjer mill-Kommendatur Gabriele Miceli, l-ewwel f'Malta u aktar tard, bil-ħidma tal-ħabrieki Għawdxi de Soldanis, għadda f'idejn il-Kapuċċini, li kienu għadhom kemm fetħu l-kunvent tagħhom tefgħa ta' ġebla bogħod miċ-Ċittadella, f'Forn il-Ġir.

Dan ir-rakkont – iz-zokk tas-siġra narrattiva – jinfirex fuq sitt kapitli li minnhom, bħal fi frieghi tqal bil-frott li l-awtur jgħammidhom Excursus, wara kull kapitlu jislet għana ta' dettalji ta' interess li jkunu ssemmew fil-kapitlu rispettiv. Kollox huwa mirfud, sal-inqas dettall, minn dokumentazzjoni sħiħa, kif tixhed il-bibliјografija voluminuża fi tmiem din l-opra.




It-tnedija tal-ktieb saret it-Tlieta, 25 ta' Frar 2020 fil-Palazz ta' Sant'Anton f'Ħ'Attard taħt il patroċinju distint tal-President ta' Malta l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella. Fis-serata tat-tnedija l-kelliema wrew kif dan il-ktieb prestiġjuż jiġbor flimkien numru ta' għejun primarji tas-seklu 18 dwar l-istorja u l-preżenza ta' din ix-xbieha qaddisa. Il-kelliema faħħru lill-awtur għall-mod kif irnexxielu jsib dokumenti li qatt qabel ma kienu ppubblikati u li jiftgħu dawl ġdid mhux biss fuq l-istorja ta' dan il-kurċifiss imma wkoll fuq il-preżenza tal-patrijiet Kapuċċini f'Għawdex.




Matul it-tnedija l-Imħallef Giovanni Bonello faħħar din il-pubblikazzjoni u sejħilha 'enċiklopedija' li tikxef dokumentazzjoni storika ġdida fuq l-istorja ta' pajjiżna. Il-Prof. Stanley Fiorini, li wkoll għamel preżentazzjoni f'din is-serata tat-tnedija tal-ktieb, enfasizza u daħal fid-dettall dwar ir-rabta jew aħjar il-ħbiberija li l-Kanonku Agius de Soldanis kellu mal-Kapuċċini f'Għawdex u kif dawn il-patrijiet jissemmew fil-kitbiet ta' dan l-istoriku Għawdxi tas-seklu 18. Is-Sur Paul Cassar minn Għawdex imbagħad għamel preżentazzjoni fuq l-aspetti ġodda artistiċi relatati mal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex li joħorġu minn din il-pubblikazzjoni prestiġjuża.



Il-President ta' Malta Dr Vella faħħar il-pubblikazzjoni u qal li din il-pubblikazzjoni hija marka oħra qawwija fuq l-istorja u l-kultura ta' pajjiżna. Huwa faħħar l-isforzi akkademiċi tal-awtur u kif irnexxielu jikxef numru ta' dokumenti primarji fuq l-istorja ta' pajjiżna, li issa huma ppubblikati f'dan il-ktieb.

Tnedija oħra tal-ktieb saret il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2020 fil-Ministeru għal Għawdex taħt il-patroċinju tal-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri. Preżenti wkoll kien hemm l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech, li għamel diskors tal-okkażjoni fuq il-valur teoloġiku tas-salib. Il-kelliema l-oħra kienu l-Prof. Stanley Fiorini, Dr Alexander Debono u s-Sur Paul Cassar.

L-awtur Ħuna Rev. Dr Martin Micallef huwa lecturer fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u l-Kuratur u l-Bibljotekarju tal-Kapuċċini fil-Furjana. Il-ktieb ġie ppubblikat minn Mizzi Books u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet ewlenin tal-kotba. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCap






# SANTA BRIĠIDA

Santa Briġida tal-Irlanda, Badessa ta' Kildare. Hija patruna ta' dawk li jaħdmu fis-settur tal-prodotti tal-ħalib.

# FREJJEĠ ĦELWIN (PANCAKES)



**Ingredjenti:**

- 250 gr dqiq
- 2 kuċċarini baking powder
- mgħarfa zokkor
- kuċċarina baking soda
- 2 bajdiet
- 300 ml ħalib
- 2 kuċċarini butir imdewweb
- kuċċarina vanilla
- ftit zokkor (icing sugar) biex traxxax fuq il-pancakes

**Tisjir:**

1. Għarbel u ħallat sewwa flimkien id-dqiq, iz-zokkor, il-baking powder, il-baking soda u l-melħ.
2. Ħabbat il-bajd ġo skutella kbira u żid il-ħalib.
3. Żid ma' dawn l-ingredjenti l-oħra.
4. Ħallat kollox sewwa.
5. Ħejji taġen ċatt u idilku ftit b'tissue paper bil-butir.
6. Aqbad kuċċarun żgħir u ħu mit-taħlita, itfa' fit-taġen u ara li tifforma ċirku żgħir.
7. Wara ftit aqleb biex issajjar in-naħa l-oħra.
8. Servihom billi tferrex ftit icing sugar jew għasel.

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# TISLIBA NRU 182



1. L-eżiljati ta'... (Għabd. 20) (5)
2. Dawn u għedewwa. (Bar. 6, 55) (6)
3. Il-maħbub minn Pawlu. (Rum. 16, 9) (5)
4. Din ma tgħaddix minn artkom. (Lev. 26, 6) (5)
5. Ma' min jaħdem dan. (Is. 45, 9) (4)
6. Hekk kien f'ħaġa żgħira. (Lq. 19, 17) (5)
7. Issiru bħal dawn. (Ġen. 3, 5) (5)
8. Ħaman l-... (Est. 9, 24) (5)
9. It-trufijiet kollha ta' din. (Prov. 30, 4) (3)
10. Kif kienu meqjusa xi appostli. (Gal. 2, 9) (7)
11. u 12. It-talb u dan tat-tpattija. (Għerf 18, 21) (5)
13. Dak kollu li jafuh min-... (Ġuda 10) (6)
14. U meta ġie l-waqt. (Titu 1, 3) (5)
15. Dwar liema frott. (Neħ. 13, 31) (5)
16. X'jissejjaħ Abraham ta' Alla. (Ġak. 2, 23) (5)
17. Ma narawx lil dawn mejtin. (Ġdt. 7, 27) (5)
18. Sultan ta' Iżrael għal sentejn. (1 Slat. 22, 52) (7)
19. U ... l-Mulej. (Ġoż. 24, 14) (4)
20. Belt ta' ħafna deheb u fidda. (Żak. 9, 3) (3)
21. Kulur il-ħaxix. (Mk 6, 39) (5)
22. Mel'... int ukoll. (Ħab. 2, 16) (5)

---

Agendabookshop

### Soluzzjoni għal Tisliba #181

1. Festi; 2. Tiżfen; 3. Marid; 4. Aħmar; 5. Ġdid; 6. Iduru; 7. Elija; 8. Ħadid; 9. Taf; 10. Ixandar; 11. u 12. Tnixxi; 13. Xandar; 14. Żball; 15. Baqta; 16. Ċappa; 17. Frott; 18. Barnaba; 19. Rqad; 20. Nar; 21. Lvant; 22. Platt.

### Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Marzu 2020

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni NRU. 46 OĠĠETTI FIL-BIBBJA (6) hija MARLENE XUEREB - 33, Triq Reggie Miller - GŻIRA. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 181 huwa: NAZZAREN FARRUGIA - 'DUN ĠORĠ' - 141, Triq Tal-Karmnu - FGURA. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. BORŻA TA' STUDJU**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. IBAGĦTULNA BOLOL TAJBIN JEW UŻATI**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

**3. NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

**4. BAŻAR B'RISQ IL-MISSJONI**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. QEGĦDIN NOĦORĠU ĦAFNA FLUS FI SPEJJEŻ TAL-POSTA**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Paola, Santa Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

**6. GĦAJNUNA FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. META TIĠI BIEX TAGĦMEL IT-TESTMENT,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV **Kont Missjoni Kenja 40019998299**
**Kont Missjoni Kenja 089-021505-050**
APS bank **Kont Missjoni Kenja 2000039057-6**
BOV **Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646**
**Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052**